# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1119/2005/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gilmore Cachia**

Illum 16 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Gilmore Cachia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 38386(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fl-20 ta' Diċembru 2005, ġewwa il-belt Valletta, bejn id-disgħa nieqes kwart ta' filgħodu u d-disgħa u nofs ta' filgħodu:

   a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement,

għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew;

b. għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marki, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq

u ċioè diversi CDs tal-mużika, films fuq DVDs u oġġetti oħra;

2. fl-istess data, ħin, lok, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċa jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;

3. sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50 u 298(1)(a), (c) u (f), u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu disa' xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' snin minn dakinhar tas-sentenza u kkundannatu wkoll multa kumplessiva ta' ħamest elef Euro (€5,000). *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert Horace J. Anastasi fl-ammont ta' Lm629.53 ekwivalenti għal elf, erba' mija u sitta u sittin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,466.41). Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ċar l-import tas-sentenza. Il-Qorti ordnat id-distruzjoni tal-oggetti konfiskati mill-Prosekuzzjoni oġġett tal-kawża.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' April 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha takkolji dan l-appell billi: A. Tannulla s-sentenza appellata għar-raġuniijiet esposti fl-ewwel aggravju ta' dan l-appell u tirrimandi l-atti ta' din il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża skont il-liġi u sabiex tiġi deċiża mill-ġdid minn Qorti diversament presjeduta; B. Alternattivament tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata li biha ġie misjub ħati tal-imputazzjonjijet kollha miġjuba kontrih u ġie kkundannat għal disa' xhur priġunerija sospiżi għal żmien erba' snin u multa komplessiva ta' ħamest elef Euro (€5,000) kif ukoll għall ħlas ta' l-ispejjeż tal-espert Jorace J. Anastasi fl-ammont ta' Lm629.53 illum ekwivalenti €1,466.41 u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena jew; C. Alternattivament tvarja l-istess sentenza l-parti tal-piena billi tapplika waħda ferm aktar miti, ġusta u ekwa għall-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-22 ta' Marzu 2021.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi l-Kummissarju tal-Pulizija rċieva kwerela (Dok. "IA 7" – *a fol.* 32 *et seq.*) fejn ġie lmentat li fuq il-monti tal-belt Valletta kienu qed jiġu offruti għal bejgħ numru ta' DVDs, liema DVDs kienu qed jinbiegħu bi ksur tad-drittijiet intellettwali tagħhom. Jirriżulta li saret *raid* fuq il-monti minn numru ta' Pulizija u wieħed mill-persuni li saret investigazzjoni fuqu kien l-appellant Gilmore Cachia.

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti hekk kif preseduta minn Maġistrat ma setgħetx tiddeċiedi l-kawża hija minħabba li l-istess Maġistrat kienet diġa' ippronunzjat ruħha fuq l-istess każ b'sentenza oħra li kienet ingħatat fl-20 ta' Frar 2019 liema sentenza kienet ġiet annullata permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Diċembru 2019 b'liema sentenza l-atti tal-kawża reġgħu ġew rimandati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-20 ta' Frar 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat sentenza kontra l-appellant allura imputat fejn hu ġie kkundannat iħallas multa ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) u ġie kkundannat ukoll sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sentejn.

- Fit-12 ta' Diċembru 2019 din il-Qorti diversament preseduta annullat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2019 u rrinvijat l-atti lilha sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

- Fit-2 ta' Jannar 2020 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (preseduta mill-istess Maġistrat li tat is-sentenza tal-20 ta' Frar 2019) appuntat il-kawża quddiemha għas-seduta tat-12 ta' Frar 2020.

- Mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-12 ta' Frar 2020 quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (preseduta mill-istess Maġistrat in kwistjoni) jirriżuta li ttieħdet konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'liema verbal hemm mniżżel *ad verbatim* hekk:

  > "Dr. Roberto Montalto jirrileva illi li l-każ għandu jerġa' jiġi deċiż b'sentenza mill-ġdid u peress illi din il-Qorti kif preseduta ġia pronunzjat ruħha dwar il-mertu permezz tas-sentenza li ġiet annullata mill-Qorti tal-Appell Kriminali jidher li huwa evidenti li hemm l-estremi kollha kkontemplati mil-liġi sabiex il-Maġistrat sedenti tastjeni milli tipproċedi ulterjorment li fin-nuqqas tal-astensjoni d-difiża qiegħda formalment titlob ir-rikuża.
  >
  > Il-Qorti stante lil ma hiex Qorti li mis-sentenza tagħha ma hemmx appell *ai termini* tal-*proviso* tal-Artiklu 734(1)(d)(ii), tiċħad it-talba."

- Fit-22 ta' Marzu 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (preseduta mill-istess Maġistrat li tat is-sentenza tal-20 ta' Frar 2019) tat sentenza

kontra l-appellant allura imputat fejn hu ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u fejn hu ġie kkundannat iħallas multa komplessiva ta' ħamest elef Euro (€5,000) u ġie kkundannat ukoll disa' (9) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' snin.

Illi *ai termini* ta' Artikolu 368 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta Maġistrat jista' jiġi rikużat għar-raġunijiet imsemmijin taħt il-paragrafi (a), (b), (ċ) u (e), u taħt il-paragrafu (d), sa fejn dan jista' jgħodd, ta' Artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Jidher li l-Ewwel Qorti ma laqgħitx it-talba tal-appellant allura imputat fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020 minħabba li fil-fehma tagħha hija ma kinitx iddeċidiet kawża li minnha ma kienx hemm appell. Peress illi ċaħda kif hawn fuq ċitata (mingħajr ma saret anqas riferenza għal Kapitolu tal-liġi in kwistjoni) ma hijix daqstant ċara, din il-Qorti tifhem li l-Ewwel Qorti kienet qed tirreferi għal Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tiegħu li jaqraw hekk:

> "L-Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> [...]
>
> (d) (i) [...]
> (ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala Imħallef jew bħala arbitru:
>
> Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-Imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*."

Illi rigward l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu din il-Qorti tirreferi għall-provvediment mogħti fil-31 ta' Ottubru 2016 fil-

kawża fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs. Nazzareno Muscat et** (Numru 1058/2010) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> "Dwar l-Art. 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12, kien rilevat fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1967 fil-kawża "**Carmelo Gauci vs. Giorgio Gatt et**" illi :-
>
> *"Ġie dejjem ritenut illi l-każijiet li fihom Imħallef jista' jastjeni jew jiġi rikużat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Ġie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem "il-kawża" fid-dispożizzjoni hawn fuq ċitata jirriferixxu għall-istess kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni preċedenti …*
>
> *Imħallef jista' jiġi rikużat f'kawża meta din tkun ġa ġiet quddiemu bħala Imħallef. Iżda d-deċiżjoni tiegħu f'dik il-kawża trid tkun tinvolvi l-istess meritu f'liema huwa ġa ppresjeda. Jekk il-mertu jkun differenti l-espressjoni da parti tal-Imħallef ta' opinjoni dwar il-provi miġbura mill-parti fil-kawża preċedenti ma tassoġġettahx għall-possibilita' ta' rikuża."*
>
> Fis-sentenza li tat fil-15 ta' Marzu 1996 fil-kawża "**Dr. Alfred Mifsud vs. Onor Prim Ministru et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istess dispożizzjoni :-
>
> *"Kif osservat mill-Imħallef Xuereb fis-sentenza 'Caruana vs De Piro' (15 ta' Mejju 1889 a Vol XII p. 241) l-użu fil-liġi tal-kelma 'kawża' ippreċeduta mill-artikolu determinattiv ('il-kawża') juri li **l-liġi kkontemplat kawża determinata li ma tistax tkun ħlief il-kawża pendenti**, molto piu' in vista tal-kliem spjegattivi aġġunti mil-liġi riferibbilment għal-limitazzjoni tal-każijiet ta' rikuża għall-Imħallef li jkun 'qata' definittivament l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet … (enfasi u sottolinear ta' din il-qorti).""*

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2013 fl-ismijiet **Joseph Difesa vs. L-Avukat**

**Ġenerali et** (Numru 80/2013) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) qalet hekk:

"Kopjuża hija d-dottrina u l-ġurisprudenza li tittratta dawk iċ-ċirkostanzi fejn nuqqas ta' imparzjalita' iġib miegħu ksur tad-dritt għal smigh xieraq. Il-Qorti sejra tiġbor u tirreferi għall-prinċipji li huma paċifikament akkolti sabiex imbagħad, anke fuq l-iskorta tagħhom, tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-istanza tar-rikorrent fil-kawża tal-lum.

[...]

Fil-paġ. 290 – 291 ta' **Law of the European Convention on Human Rights** jingħad hekk –

*"Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubts in this respect [Hauschild v Denmark A 154 (1989) 12 EHRR 266 para 46] …*

*As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the court "acted with personal bias" against the applicant. In this connection there is a presumption that a judge is impartial, "until there is proof to the contrary" (Kyprianou v Cyprus – 2005-XIII; 44 EHRR 565 GC). Given this presumption and the need to prove actual bias, it is not surprising that a breach of the subjective test is difficult to establish …*

*The objective test is comparable to the English law doctrine that "justice must not only be done; it must also be seen to be*

*done". In this context the Court emphasizes the importance of "appearances" (Sramek vs Austria A 84 1984 para 442; 7 EHRR 351). As the Court has stated "what is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused" (Fey vs Austria – A 255 – A 1993 ; 6 EHRR 387 para 30). In applying the objective test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is important but not decisive; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be objectively justified. If there is a legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case.""*

Illi din il-Qorti tifhem li l-Ewwel Qorti ppruvat tagħmel l-almu tagħha sabiex ma ddewwimx aktar il-każ. Iżda din il-Qorti tinnota li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet tirrigwarda l-istess mertu kif ukoll l-istess partijiet bħas-sentenza li kienet tat oriġinarjament. In vista ta' dan, fuq l-iskorta tal-prinċipju li l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qed issir il-Maġistrat li kienet qed tippresjedi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li tat is-sentenza tat-22 ta' Marzu 2021 li dwarha qed tingħata din is-sentenza kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża meta ġiet lura għandha u dan peress li kienet l-istess Maġistrat li tat is-sentenza ta' qabel (ċioè dik tal-20 ta' Frar 2019) li ġiet dikjarata nulla minn din il-Qorti diversament preseduta. Ladarba kienet tastjeni, il-kawża kienet diġà assenjata lil Maġistrat ieħor. Dwar is-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Katya Victoria Camilleri** (Numru 290/2006) li ġiet ċitata fis-sottomissjonijiet bil-fomm mill-Prosekuzzjoni, din il-Qorti tinnota li din is-sentenza ma tantx hi ta' rilevanza għall-każ odjern u dana minħabba li hija ma trattatx aggravju bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti.

IIlli fid-*decide* tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Diċembru 2019 jirriżulta li l-Qorti msemmija, sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, irrinvijat l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ta' Ġudikatura Kriminali. Li kieku din il-Qorti kellha tiddeċiedi l-mertu ta' dan il-każ hi, kienet tkun qed tippriva l-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame* u b'hekk iġġib fix-xejn is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019 stante li l-mertu mhux ser ikun għadda dan l-għarbiel. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ u b'hekk is-sentenza appellata qed tiġi revokata.

Illi din il-Qorti ser tibgħat l-atti proċesswali lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi b'dan illi jiġi speċifikat li l-appellant għandu jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament fiha qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Gilmore Cachia u għaldaqstant tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**